Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

## MINUTI TAL-ERBGHA U TLETIN LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 17 ta' Settembru 2014 | | | |
| **HIN** | Minn | 5.30pm | Sa | 8.00pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA - SC |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI- MS |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI - RA |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO - RB |
| | Sur | JOHN P. BONNICI - JPB |
| | Sur | GERALD BORG – GB |
| | Sur | RALPH CASSAR - RC |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE - HMF |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT – AZ |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD – MM |

**1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI**

Il-minuti gew approvati bla korrezzjonijiet.

**2. PUNTI MQAJJMA**

RC xtaq biss jghid li l-konferma tal-applikazzjoni tal-European Mobility Week waslet fit-12 ta' Settembru u z-zmien kien qasir wisq (7 t'ijiem biss) biex jigu organiizzati l-attivitajiet ghall-Car Free Day bhas-sena l-ohra. Ghandha tinghata raguni ghala m'accettajniex. Il-Kunsill se jahdem fuq l-applikazzjoni tal-Mobility bi premju ta' €50,000.

**3. KORRISPONDENZA**

🗁Ittra minghand Christina u Jean Spiteri Miggiani rigward talba sabiex isir gbir ta' skart domestiku nhar ta' Tlieta u Hamis filwaqt li tingabar il-borza griza il-Hamis ukoll. Il-Kunsill wara diskussjoni kemmxejn fit-tul wasal ghall-konkluzjoni li ma jaqbilx li tinbidel is-sistema tal-gbir ta' skart minn kif inhi anka ghax din ilha dawn l-ahhar hames snin u ndrat sew. Il-Kunsill jinsab ukoll fil-process li jipprintja t-tielet kalendarju b'informazzjoni dwar is-sistema tal-gbir li ntlaqa' tajjeb hafna.

🗁 E-mail minghand DLG rigward Premju Nazzjonali Haddiem tas-sena. Min ikollu suggerimenti ghandu jghaddihom lil Segretarju Ezekuttiv.

🗁E-mail minghand il-Mepa rigward applikazzjoni sabiex isir cimiterju tal-klieb u qtates. Hadd ma sab oggezzjoni anka ghall-fatt li l-klieb u qtates jigu kremati u m'hemm l-ebda periklu ghas-sahha.

🗁Email minghand DLG rigward Premjui Socjeta' Gusta li taghlaq 30/10/2014. Min ikollu suggerimenti ghandu jghaddihom lil Segretarju Ezekuttiv.

🗁 E-mail minghand Richmond Foundation rigward sit fejn tista' tigi s-sede tal-organizazzjoni. Il-Kunsill ghandu jibghat risposta li l-Kunsill ma jafx b'postijiet tal-Gvern disponibbli ghall-kiri jew ghotja u li l-Kunsill qed ifittex post ghalih stess minhabba li l-bini mhux adattat u s-soqfa huma perikolanti. Ghaldaqstant ghandha tintbaghat risposta f'dan is-sens.

Is-Sur Bartolo qal li baqa' ma rceviex risposta fuq l-agreement li ntbaghat liz-zghazagh. Huma baqghu jinsistu li jridu jahdmu ghall-rashom u li l-progett hu taghhom. Anka l-kontijiet bankarji nfethu Attard Youth Council. Meta saret laqgha mal-Eupa fuq dawn in-nuqqasijiet il-Kunsill inghata r-ragun, li l-progett kellu jkun taht il-kappa tal-Kunsill, imma ftit tal-granet wara l-Eupa reggghet lura dak li ntqal. Is-Sur R. Bartolo propona li jinbidel l-isem, ma jsirx co-financing u l-Kunsill jirrinunzja l-progett. Is-Sur HMF qal li jidhru ghatxana li dan il-progett jirnexxi filwaqt li s-Sur Cassar qal li l-Kunsill ma jistax ikun partecipi f'xi haga li m'hemmx kontroll fuqha. Is-Sur Spiteri qabel ukoll li l-Kunsill f'dan l-istadju ghandu jfarfar kull

responsabbilta’ finanzjarja. Ghalhekk gie deciz li dawn ghandhom ibidlu l-isem u l-Kunsill jirrinunzja ghall-progett u kull finanzjament marbut mieghu.

**4. APPROVAZZJONI TA’ PAGAMENTI – LULJU**

Il-pagamenti gew approvati minghajr mistoqsijiet.

**5. APPROVAZZJONI TA’ RAPPORT TAL-KWART TAS-SENA APRIL – GUNJU 14**

Ir-rapport gie approvat u ffirmat wara li gie midhur u saru xi mistoqsijiet zghar.

**6. *UPDATE* JUM H’ATTARD**

Is-Sur RB qal li l-Kunsill ha jiltaqa’ nhar it-Tnejn, 22 ta’ Settembru fis-7.30 ta’ filghaxija sabiex jigu diskussi n-nomini. Kulhadd qabel. Is-SE skuzat ruhha li ma setghetx tattendi ghal din il-laqgha. Is-Sur Zammit qal li kienet ideja tajba li ntbaghtu inviti lir-rahal kollu imma beda jithasseb jekk iservux is-siggijet. Ghalhekk flok 150 siggu gie deciz li jigu ordnati 300. Is-Sur SC qal li se jiltaqa’ mas-Sur Azzopardi rigward is-setting tal-palk. Is-Sur RB qal li kieku fl-isfond ikun hemm dwal homor u bojod tigi qisha l-bandiera Maltija u taghmel effett sabih. Spjega wkoll li l-programm ha jkun maqsum f’introduzzjoni qasira, bejn 30 u 40 minuta programm u li l-muzika ha tigi introducuta tlieta tlieta f’daqqa biex jigi frankat il-hin. Wara ssir il-premjazzjoni u jitkompla l-programm. Kulhadd qabel.

**7. UPDATE GEMELLAGG**

Is-Sur RB qal li ma tantx hemm x’iktar x’jizdied hlief li l-programm kwazi finalizzat, li se ssir laqgha ghall-*istakeholders* nhar il-Gimgha, 26 ta’ Settembru u wara din il-laqgha kull ma jkun jibqa’ hu li jsiru d-diskorsi tal-okkazjoni.

**8. AFFARIJIET OHRA**

Is-Sur SC ressaq dawn il-punti:

- Talab sabiex titnehha l-iskip tal-hgieg minn fejn in-Nunzjtura ghax kif ura fl-evidenza ta’ ritratti ezebiti din qed tkun abbuzata u hemm xi ndividwu/i qed jitfghu minzelli ta’ trabijiet go xkejjer. Wara diskussjoni fejn tqajjmu bosta suggerimenti fosthom li tigi nstallata dummy camera etc gie deciz li titnizzel hdejn l-area tal-iskola anka minhabba l-fatt li kien hemm gat alba biex f’din iz-zona jizdiedu l-banks.

Wara li spicca s-Sindku s-Sinjura Mifsud talbet permess sabiex titkellem u tressaq ghall-approvazzjoni t-tigdid tal-kuntratt tat-teleworking taghha. Hi qalet li l-kuntratt precedenti kien validu ghall-sena sat-13 ta’ Novembru w’ghalhekk talbet lis-Sindku jivverifikah u jekk kulhadd jaqbel jigi ffirmat. Hadd m’oggezzjona u l-kuntratt gie ffirmat.

Is-Sur RC ressaq dawn il-punti:

- Gibed l-attenzjoni li skond il-Kalendarju fil-11 t’Ottubru ha jerga’ jsir il-gbir tat-tessuti.
- Gibed l-attenzjoni fuq arblu mkisser Wied Incita faccata fuq il-wied.
- Talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex il-perit Edward Said jitfa’ applikazzjoni l-Mepa ghar-restawr tal-embankment li se jigi maqsum fi tlett fazijiet u jibda jithejja l-process ta’ devoluzzjoni.

  Is-Sur MS skuza ruhu u halla l-kamra.

Is-Sur GB ressaq dawn il-punti:

- Ghandha bzonn tinzebgha z-zebra crossing ta’ Triq in-Nutar Zarb kif ukoll issir manutenzjoni fuq it-trinka mal-*Pelican Lights* ta’ Triq iz-Zaghfran. Ghandhom jergghu jintbaghtu *Customer Care* minhabba li ga gew rappurtati.

Is-Sur Zammit ressaq dawn il-punti:

- Fakkar fuq l-applikazzjoni ghal-lampa ta’ Triq il-Kappar ma’ Triq is-Sienja
- Gibed l-attenzjoni fuq il-hmieg li ngabar hdejn l-Ambaxxata tat-Tunezija u li Triq Hannibal ghandha bzonn kinsa sew.

Is-Sur JPB ressaq dawn il-punti:

- Saqsa dwar il-lampa ta' Wied Irmiedi, jekk il-Kunsill irceviex approvazzjoni sabiex flok underground cables isiru overhead. Is-SE qalet li le imma se tqabbad lill-haddiema tal-Kunsill jesegwixxu x-xoghol sabiex isir u jigu frankati hafna flejjes zejda.

**9. AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa giet aggornata għall-Erbgha, 15 ta' Ottubru 2014 fil-5.30 ta' filghaxija.

_________________________ Sindku

_____________________ Data